MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-5 ta' April, 2005

Numru. 539/2000

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Neil Harrrison)**

**v**

**Spiridione Tanti Costa ta’ 35 sena mwieled fit-2/02/1965, Valletta, iben Paul u Carmela nee Costa, residenti ‘Loreta House’, Milton Street, Fgura, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 102365 (M)**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi fejn l-hawn fuq imsemmi Spiridione Tanti Costa gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjerfit-23 ta' Dicembru, 1996 u fl-ahhar xhur qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

(a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza, dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna/i, jew ghall-persuna/I minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga msemmija minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-6 taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939, ghall-KontrollIntern tad-Drogi perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

(b) Ukoll talli kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-tabib Principal ital-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 jew tas-6 taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur

tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.
(c) Talli sar recidiv b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12.04.91,
(d) Talli wkoll kiser il-kundizzjonijiet ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta (Awla 9) fit-18/05/1995.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-pieni skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ordni ta’ l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi deciza minn din il-Qorti a fol 135 tal-process. Rat ukoll li fl-istess nota gew mibghuta l-artikoli rigwardanti ksur ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 u ta’ l-artikolu 10(1)(a) tal-Kap 152 ilkoll tal-ligijiet ta’ Malta. Rat li f’dan ir-rigward l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, vide fol 137.

Ikkonsidrat illi mix-ix-xhieda irrizultaw is-segwenti fatti.
Illi wara raid li l-Pulizija ghamlu fuq l-akkuzat u Eileen Gatt dejjem hdejn Putirjal, PC 536 Jason Caruana xehed li hu flimkien ma’ shabu kienu gabru minn hdejn l-akkuzat hames pakketti b’sustanza mahsuba li hi eroina. Qal li kemm l-akkuzat kif ukoll certu Eileen Gatt kienu hdejn xulxin x’hin ingabru minn ma’ l-art dawn il-pakketti, iddeskrivihom bhala li Spiru u Eileen li kienu close hafna, fis-sens ta’ hdejn xulxin hafna. Xehed li f’dan il-hin wara li saru searches fuq dawn iz-zewg persuni, minn fuq Tanti Costa kienet instabet sustanza ta’ Citric Acid.

WPS102 Ruth Magro xehdet li hi kienet ippartecipat fi tfitxxija li saret fid-dar ta’ l-akkuzat. Minn hawn gew elevati siringi u affarijiet ohra relatati mad-droga.

Xehdet certu Eileen Gatt li qalet li fit-23 ta' Dicembru kienet giet arrestata mill-Pulizja min Putirjal flimkien ma l-akkuzat. Qalet li kienet ghadha kif tixtri dak il-hin ezatt minghand l-akkuzat hames pakketti ta' eroina li hi ramiet ma' l-art kif rat il-pulizija sejrin fuqha u fuq l-akkuzat. Xehdet li xtarthom versu l-prezz ta' tnejn u ghoxrin lira ghaliex kull qartas kien jiswa' hames liri l-wiehed u kien hallilha wiehed bl-irhas ghax kien vicin il-Milied. Spjegat din Gatt li hi kienet xtrat qabel droga eroina minghand l-akkuzat.

Fl-istatement minnha guramentat quddiem il-Magistrat Inkwerenti xehdet ukoll li minghand Spiru (l-akkuzat) kienet xtrat din id-droga almenu ghal xahar u nofs qabel, xtrat dejjem eroina.

Qalet fl-istatement sussegwentement guramentat, illi kienet hi li kienet ghadha kif ramiet l-eroina li ngabret mill-pulizija, liema eroina kienet ghadha kif xtrat minghand Tanti Costa u li kienet ghadha kif thallsu taghha tant li anke iddeskriviet il-wallet tieghu stess.

Ikkonfermat ukoll li fid-dar taghha kien istab numru tat-telefon ta' l-akkuzat moghti lilha minnu, pero' ziedet li meta riedet tinqeda kienet issibu l-Belt hdejn Putirjal.

Wara diversi tentattivi biex tigi rintraccata Eileen Gatt regghet xehdet in kontro ezami xi sentejn u aktar fuqhom wara l-ewwel xhieda taghha quddiem din il-Qorti. In kontro ezami insistiet li wara seba' snin mill-incident ma kinitx tiftakar sew il-fatti kollha pero' kienet cara fil-fatt li hi kienet li l-ewwel xtrat dak l-oggett minghand l-akkuzat u mbaghad kif kienet se titlaq gew il-pulizija. Ma kinitx cara fuq domandi tad-Difiza mil-liema naha kienu gew ghalihom l-istess Pulizija. Baqghet insistenti in kontro ezami illi l-pulizija marru fuqhom x'hin hi kienet ghadha kemm xtrat ezatt, ghalhekk hi u Tanti Costa kienu ghadhom hdejn xulxin. Tista' tghid li Gatt ma ziedet xejn izjed ghax uriet bic-car li kienet ghal kollox nesiet id-dettalji lilha mistoqsija.

Mill-analizi ta' l-Ispizjar Mario Mifsud irrizulta wkoll illi l-hames qratas imsemmija kienu jikkonttjenu s-sustanza eroina fl-ammont ta' 0.294 grammi. Min-naha l-ohra ghajr ghal presenza ta' citric acid, ma nstabet ebda sustanza ohra kkontrollata bil-ligi ghand l-akkuzat, mill-ezamijiet minnu kondotti.

Instemghu ukoll diversi xhieda li xehdu dwar il-progress li kien qed jaghmel l-istess akkuzat fil-problema li hu kellu fl-abbuz tad-droga u dan in vista tat-talbiet tad-difiza li hu jinghata l-liberta' provizorja bil-kundizzjoni li jibda programm appositu, talba li eventwalment giet milqugha u li skond rappresentatnti tal-Caritas tat rizultat pozittiv.

Jinhtieg ukoll jinghad illi kif inhu dritt tieghu l-akkuzat ghazel li ma jixhedx pero' fil-bidu bikri ta' din il-kawza giet esebita stqarrija minnu rilaxxata fi stadju ta' investigazzjoni. Fl-istqarrija huwa kkonferma illi meta gie arrestat verament kien Putirjal, pero' huwa spjega dan ghaliex kien ghadda biex jiehu t-te u biex jixtri l-halib ghal ommu. Innega li hu kien jaf bl-ezistenza tal-qratas li nstabu hdejh u hdejn Eileen ma' l-art u li gew migbura mill-pulizija. Qal li sema' lil Eileen tghid li kienet ramiethom hi. Innega li Eileen kienet ftit tal-hin qabel ghaddietlu xi haga, cioe flus anzi qal li lanqas biss kien lahaq kellimha . Innega wkoll li hu lilha kien taha xi haga.

Zied illi hu ma setghax jifhem kif il-pulizija kienu raw lil Eileen taghtih xi " ….flus meta l-flus kienu fil-wallet qisu griz jew kannella car li hu biz-zip, meta l-istess wallet kien gol but biz-zip imsakkar." ( a fol 33). Spjega li l-flus li kellu kienu ta' l-ghajnuna socjali u li kien ghadu kif jiehu l-bonus.

Rat ukoll in-noti ta' osservazjonijiet prezentati mill-partijiet..

Ikkonsidrat

Illi huwa vera dak li ssoleva l-Avukat Difensur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu u cioe li ma ngab ebda membru tal-korp li fil-fatt ra t-transazzjoni ghaddejja bejn l-akkuzat u Gatt,  kif ukoll li ma rrizulta ebda mechanical fit bejn l-oggetti misjuba ghand l-akkuzat bhal qratas u dawk esebiti.

Li rrizulta zgur hu l-presenza ta' l-akkuzat hdejn Eileen Gatt go Putirjal, is-sejba ta' hames qratas ta' eroina hdejn dawn iz-zewg persuni li ex admissis ramiethom l-istess Gatt x'hin rat lill-pulizija javvicinawha.

Gatt kemm fl-istatement, kemm meta gguramentat l-istess, kemm quddiem din il-Qorti bhala xhud tal-Prosekuzzjoni kif ukoll in kontro ezami, dejjem baqghet issostni l-istess verzjoni u cioe li hi kienet xtrat id-droga misjuba fl-art minghand l-akkuzat, kif ukoll li ma kinitx l-ewwel darba li ghamlet dan. Tkellmet ukoll dwar kif hallset l-istess akkuzat u cioe bis-somma ta' tnejn u ghoxrin lira maltin, (Lm22), ghax hadet skont minghandu minhabba l-Milied. Pero' punt li l-aktar laqat lil din il-Qorti u kien anke punt li fuqu sahqet il-Prosekuzzjoni fin-nota taghha, kien dettal zghir li xehdet fuqu  Gatt a tempo vergine u cioe l-kulur tal-wallet ta' Tanti Costa u anke l-fatt li l-istess wallet kien  jinghalaq biz-zip, fattur dan li wiehed jista vera jivvinta pero' trid verament tigik tajba stane li certament mhux kull wallet hu ta' kulur car u multo magis biz-zip. Stranament din l-istess deskrizzjoni tal-wallet isemmiha wkoll l-istess akkuzat meta rrilaxxa l-istqarrija tieghu a tempo vergine. Huwa vera kif ben argumentat id-difiza li l-ahjar prova ta' l-esistenza ta' dan il-wallet kienet tkun l-esebizzjoni tieghu milll-ufficcjali li elevawh   minn fuq il-persuna ta' l-akkuzat, pero,   ( emfazi tal-Qorti) kien l-istess akkuzat li minn jeddu mistoqsi fl-istatement jekk jridx jghid xi haga ohra ikkonferma l-ezistenza tieghu, il-kulur u kif kien jinghalaq, dan bla hadd ma sa dan il-hin kien ghamel accenn ghall-istess wallet. Certament li Gatt ma kinitx taf b'dak li qal l-istess Tanti Costa fl-istqarrija tieghu dwar l-istess wallet fejn hi allegat li qieghed il-flus li

rceva minnha. Issaqsi din il-Qorti kif setghet allura Gatt tixhed b'daqshekk precizjoni fuq dan il-fatt li kieku ma ratux zgur li ma setghetx tkun tafu?

Id-Difiza sahqet hafna fuq il-fatt li Gatt xehdet kontra Tanti Costa biex tipprevalixxi mill-artikolu 29, tfakkar pero' din il-Qorti li Gatt xehdet quddiemha meta l-proceduri taghha kienu ghal kollox ezawriti u dan aktar u aktar meta wara sentejn u fuqhom regghet ittellghet tixhed in kontro ezami.

In vista ta' dana kollu premess din il-Qorti ghalhekk thoss illi l-ewwel akkuza giet debitament u sufficjentement pruvata pero' tqis it-tieni akkuza bhala wahda alternattiva ghall-ewwel wahda. Tqis ukoll li Spiro Tanti Costa sar recidiv u dan wara li rat is-sentenzi esebiti u rat ukoll li d-difiza ezentat lill-Prosekuzjoni milli ttella' l-prova ta' l-identita' dwar dawn, ( vide fol 62). Ma tqisx pero' li hu l-Conditional Discharge lilu moghtija ghal sena fit-18 ta Mejju, 1995 u dan in vista tal-fatt li l-akkuza ggib id-data ta' 23 ta' Dicembru, 1996.

Dwar il-piena ikkonsidrat illi fil-fatt Gatt ghalkemm qalet li Tanti Costa kien qabel ma qeda lilha biegh eroina anke lil haddiehor pero' ta' dan ma ngabet ebda prova, ikkonsidrat ukoll li Gatt xehdet li kienet ilha tixtri minghand l-akkuzat ghal xahar u nofs, qieset il-gravita ta' dan ir-reat, qieset ukoll li mix-xhieda prodotti tal-Caritas b'mod specjali jidher li Tanti Costa ghamel certu progress u qabad andament pozittiv fil-hajja tieghu, ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 22(2)(a)(i) tal-Kap 101, 49, 50 u 17 u 31 Kap 9 tikkundannah ghal piena karkerarja ta' tliet snin u nofs u ghal multa ta' elfejn lira Maltija (Lm 2000).

Tordna il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti kf ukoll id-distruzzjoni mill-Ispizzjar Mario Mifsud tad-droga u affarijiet hekk relatati esebiti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------